MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 637/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Carmelo Mercieca**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, mija u tnejn u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2142.88) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1018471-1019070 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru, 2007 u Frar, 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2008 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fil-11 ta' Frar, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------